MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 2245/1997/1

**Miriam Micallef.**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku, Paul Tonna, l-Avukat Dr. Gordon J. Cutajar u l-P.L. Sharon Mizzi nominati b' digriet tal-20 t' Ottubru, 1997 kuraturi deputati biex jidhru ghal minuri Anthony, Lourdes u Carmel Tonna u Carmel Schembri u b' digriet ta' l-1 ta' Settembru, 1999 l-Avukat Dr. Gordon J. Cutajar gie sostitwit bl-Avukat Dr. Anna Evellina Barbara.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-2 t' Ottubru, 1997 li permezz tieghu l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici hi mizzewga lil Paul Tonna pero' minnu separata permezz ta' sentenza datata 17 ta' gunju, 1992.

Illi meta hi kellha lit-tlett uliedha Anthony ta' 9, Lourdes ta' 8 u Carmel ta' 5 u partikolarment fiz-zmien 180 u 300 jum qabel it-twelit ta' kull wiehed minn dawn it-tfal hi kienet fl-impossibilita fizika li tabita ma' zewgha u dawn it-tlett ulied huma fil-fatt ulied Carmel Schembri.

Illi kif jidher mill-anness certifikati A, B u C dawn it-tlett ulied jidhru li huma ulied Paul Tonna.

Illi dan il-fat mhuwiex minnu u l-attirici tixtieq illi fic-certifikati annessi jigi indikat li dawn it-tlett ulied huma ulied Carmel Schembri.

Illi halhekk jinhtieg illi c-certifikati numri 5130/1997 (A), 4825/1988 (B) u 2780/1992 (C) jigu modifikati u korretti fis-sens illi fil-kolonna missier it-tarbija fejn hemm il-kliem "Paul Tonna" dawn jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem "Carmel Schembri" u fit-tieni kolonna fejn hemm il-kliem "Mason" din tigi sostitwita bil-kelma "Musician", fi-raba kolonna tahat twelid missier it-tarbija hemm il-kelma "Mdina" din tigi sostitwita bil-kelma "Marsa", fil-hames kolonna cioe' li tindika fejn joqghod missier it-tarbija fejn hemm il-kelma "Birzebbuga" tigi sostitwita bil-kelma "Hamrun" u f' dok A – 5130/87 fit-tielet kolonna fejn hemm eta' tal-missier in-numru "32" jigi sostitwit bin-numru "44", f' dok B – 4825/88 bin-numru "45" u f' dok C 2780/92 bin-numu "49".

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara illi Anthony, Lourdes u Carmel Tonna mhumiex ulied Paul Tonna izda huma ulied Carmel Schembri.

2. Tordna u tiddeciedi illi c-certifikati numri 5130/1997 (A), 4825/1988 (B) u 2780/1992 (C) jigu modifikati u korretti fis-sens illi fil-kolonna missier it-tarbija fejn hemm il-kliem “Paul Tonna” dawn jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem “Carmel Schembri” u fit-tieni kolonna fejn hemm il-kliem “Mason” din tigi sostitwita bil-kelma “Musician”, fi-raba kolonna tahat twelid missier it-tarbija hemm il-kelma “Mdina” din tigi sostitwita bil-kelma “Marsa”, fil-hames kolonna cioe’ li tindika fejn joqghod missier it-tarbija fejn hemm il-kelma “Birzebbuga” tigi sostitwita bil-kelma “Hamrun” u f’ dok A – 5130/87 fit-tielet kolonna fejn hemm eta’ tal-missier in-numru “32” jigi sostitwit bin-numru “44”, f’ dok B – 4825/88 bin-numru “45” u f’ dok C 2780/92 bin-numu “49”.

Bl-ispejjez.

Il-konvenuti ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fit-2 ta’ Gunju, 1998 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba.

2. Illi noltre t-talbiet ta’ l-attrici ma’ jistghux jintlaqghu stante li skond il-Kap.16, l-unika azzjoni li tista’ tressaq persuna fil-posizzjoni ta’ l-attrici hija dik provduta mill-

Artikolu 77, u cioe' li "Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess jekk jipprova illi r-ragel kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma martu minhabba li kien boghod minnha". Ghalhekk, l-attrici tista' biss titlob dikjarazzjoni li l-konvenut Paul Tonna mhuwiex il-missier naturali tal-minuri, u l-konsegwenti kancellament ta' isem l-istess Tonna mic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri kull fejn dan ikun opportun li jsir.

3. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, jekk wiehed jikkoncedi li t-talbiet attrici huma kontemplati fil-Kap.16, xorta jibqa' l-fatt li dawn iridu jikkonformaw ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 81 ta' l-istess Kap.16.

4. Illi huwa m' ghandux ibati spejjez.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku mahlufa minn Dr Joseph Sapiano u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati Dr. Gordon J. Cutajar u l-P.L. Sharon Mizzi, pprezentata fid-19 ta' Gunju, 1998 li permezz taghha eccepew:

1. Illi f' dan l-istadju huma mhumiex edotti mill-fattit tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti l-ohra ma' pprezentawx nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghu kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 t' Ottubru, 2003 illi fih il-konvenut irinunzja ghat-tieni u t-tielet eccezzjonijiet.

Rat l-atti processwali kollha.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi effettivament stante r-rinunza tal-eccezzjonijiet imsemmija l-kaz ghandu soluzzjoni facli ghaliex il-provi konsistenti fix-xhieda tal-attrici mhumhiex kontradetti. L-attrici fis-seduta tad-9 ta' Frar, 2004 ikkonfermat bil-gurament il-kontenut tad-dikjarazzjoni taghha annessa mac-citazzjoni.

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tilqa' t-talbiex kollha attrici u**

**1. Tiddikjara illi Anthony, Lourdes u Carmel Tonna huma ulied il-konvenut Carmel Schembri u**

**2. Tordna illi c-certifikati numri 5130/1997 (A), 4825/1988 (B) u 2780/1992 (C) jigu modifikati u korretti fis-sens illi fil-kolonna missier it-tarbija fejn hemm il-kliem "Paul Tonna" dawn jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem "Carmel Schembri" u fit-tieni kolonna fejn hemm il-kliem "Mason" din tigi sostitwita bil-kelma "Musician", fi-raba kolonna tahat twelid missier it-tarbija hemm il-kelma "Mdina" din tigi sostitwita bil-kelma "Marsa", fil-hames kolonna cioe' li tindika fejn joqghod missier it-tarbija fejn hemm il-kelma "Birzebbuga" tigi sostitwita bil-kelma "Hamrun" u f' dok A – 5130/87 fit-tielet kolonna fejn hemm eta' tal-missier in-numru "32" jigi sostitwit bin-numru "44", f' dok B – 4825/88 bin-numru "45" u f' dok C 2780/92 bin-numu "49".**

**L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------